# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 21 ta' Lulju, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 431/14/1 AF**

**Norman Bezzina u Maria Anna Bezzina**

**v.**

**Kummissarju Tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar, 2017 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi;

2. L-atturi fetħu din il-kawża għall-finijiet tal-Artikolu 22Ċ tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) biex talbu li l-ewwel Qorti teħles mill-effetti tal-ordni ta' konfiska magħmul mill-Qorti tal-Appell Kriminali favur il-Gvern ta' flejjes u ġid ieħor li jappartjeni lilhom, dan wara li tressqu akkużi ta' natura kriminali kontra l-attur u nstab ħati tagħhom. Jgħidu li ladarba l-attriċi għandha sehem minn dak il-ġid konfiskat u ma tressqu ebda akkużi kontra tagħha, ma messux kien konfiskat sehemha wkoll. Itennu li l-ġid li huma jsemmu f'din il-kawża, nkiseb minnhom b'mod leġittimu, u għalhekk talbu li l-effetti tal-ordni ta' konfiska jitħassru minn fuq dak il-ġid;

3. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *"Ikkunsidrat:*
>
> *"illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tirrevoka l-ordni ta' konfiska li saret mill-Qorti Kriminali fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Norman Bezzina deċiża fid-9 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza datata 20 ta' Frar 2014 fejn ir-rikorrenti kien instab ħati li:*
>
> *"1. Ghall-habta tal-bidu tas-sena elfejn u wiehed, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;*
>
> *"2. Lejn l-ahhar ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza*

*l- importazzjoni ta' dak l-oggett, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;*

*"3. Bejn il-31 ta' Marzu u t-23 t'April, tas-sena elfejn u wiehed, kellu pussess tal-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, w meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b'dan, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.*

*"Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kriminali, apparti li nfliġġiet fuq ir-rikorrent piena karċerarja, ħlas ta' multa, u ħlas ta' spejjes peritali, ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli oħra tar-rikorrent.*

*"Il-proċedura tal-lum qiegħda ssir skont l-artikolu 22Ċ(1) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jaqra hekk:*

> *"Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) ta' l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk."*

*"L-artikolu 22(3A)(d) li jsir referenza ghalih mill-artikolu appena ċitat jgħid hekk:*

> *"Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja ikun xi wiehed mir-reati msemmija fis-subaritkolu (1) ta' l-artikolu 24A il-Qorti ghandha, b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f'kull zmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –*
>
> *(...)*
>
> *"(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli ohra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta."*

*"Dan l-artikolu imbagħad jirreferi għal sejbien ta' ħtija skont l-artikolu 24A(1) li jgħid hekk:*

> *"24A(1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Generali jkollu raguni bizzejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk izjed 'il quddiem imsejha "il-persuna suspettata"):*
>
> *(...)*
>
> *"(e) tkun hatja tar-reat ta' pussess ta' xi medicina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taht dawk ic-cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluziv tal-hati (…)."*

*"Il-Qorti tibda billi tirrileva li kif sewwa jgħid l-intimat fir-risposta tiegħu, ir-riferenza li jagħmlu r-rikorrenti fir-rikors promotur għall-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea hija għal kollox irrilevanti in kwantu li kif jistqarru r-rikorrenti stess, ir-rikors tagħhom sar skont l-artikolu 22(Ċ) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li l-għan tiegħu hu li l-Qorti tħassar ordni ta' konfiska. Kif sewwa ngħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Paul Muscat vs Kummissarju tal-Pulizija et, deċiża fit-12 ta' Ottubru 2012, li għaliha jagħmel riferenza l-intimat fir-risposta tiegħu:*

> *"Ghalkemm ilment dwar ksur ta' dritt fundamentali jitressaq ukoll quddiem din il-qorti, ma jfissirx li ghandu jigi kkunsidrat f'proceduri li fihom ir-rikorrenti ddikjaraw li qeghdin jaghmlu ai termini tal-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

*"Fil-mertu u dwar il-proċeduri odjerni, kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Elton Brincat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija datata 30 ta' Ġunju 2011:*

> *"Qari tal-artikolu 22(3A)(d) juri illi l-konfiska tal-flejjes, jew proprjeta mobbli jew immobbli mhix ghazla mhollija fid-diskrezzjni tal-Qorti fl-ghoti tal-piena izda hi ordni tassattiva imposta mill-ligi biex il-Qorti tordna l-konfiska. Infatti l-kelma uzata f'dan l-artikolu 22(3A), hi 'ghandha b'zieda ma kull piena ohra, fis-sentenza taghha' ... 'tordna l-konfiska' ...*
>
> *"Ghalhekk kemm jekk il-Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Kriminali taghha sabet htija wara ezami tal-provi jew fuq ammissjoni tal-akkuzat ma kien jaghmel ebda differenza ghall-ordni ta' konfiska. U ghalhekk il-legislatur ipprovda li wara t-terminazzjoni tal-proceduri fejn oltre l-piena tkun saret il-konfiska, il-persuna misjuba hatja jew terza persuna interessata, tista' tavvali ruhha mill-procedura specjali msemmija fl-artikolu 22C biex tiehu lura l-oggetti konfiskati jekk jigu ppruvati l-estremi provduti fl-istess ligi.*
>
> *(...)*
>
> *"F'dik il-procedura, jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tieghu fi grad bizzejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinhelsu mill-konfiska ma*

*kienx miksub minn flejjes jew qligh marbut ma' profitt jew dhul minn ghemil ta' reat u ghalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jaghmel il-prova tal-provenjenza lecita tal-proprjetà jew l-akkwist lecitu taghha. Ladarba il-legislatur haseb sabiex il-procediment jinstema' minn Qorti ta' kompetenza civili u ladarba l-ligi stess tghid li ghal dan il-procediment japplika l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-grad ta' prova rikjesta huwa dak tal-bilanc ta' probabilitajiet vigenti fi procedura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali ("**Abela vs Kummissarju tal-Pulizija**" – PA/JRM – 6 ta' Ottubru 2005).*

*"Il-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap. 101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn si tratta tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.*

*"Jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-gid li jkun milqut b'dik id-decizjoni ma jibqax izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni nnfisha meta din issir gudikat (Art. 22D) u dik id-decizjoni favorevoli titqies bhala trasferiment tat-titolu ta' dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent [Art.22C(8)] kif preskritt. Il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li bis-sahha tieghu jsir is-sekwestru jidher li johloq presunzjoni ("Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" op. cit.) li l-gid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attività kriminali tal-persuna li tkun. Dan ighodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet hatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, ghalhekk il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien."*

*"Għalhekk, sabiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti kien jeħtieġilhom iressqu provi biex juru li l-ġid li għandhom ma kienx ġej minn qligħ provenjenti mill-eghmil ta' reat taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li għalih nstab ħati r-rikorrenti.*

*"Mill-provi prodotti l-Qorti hija sodisfatta li l-proprjetà konfiskata li jsemmu r-rikorrenti fir-rikors tagħhom ma ġietx akkwistata minn dħul jew profitt provenjenti mir-reati li tagħhom instab ħati r-rikorrent.*

*"Jirriżulta li r-reati li għalihom instab ħati r-rikorrent jirrigwardaw il-perjodu ta' bejn Marzu u April tas-sena 2001 – dan jinkludi kemm il-pakkett tad-droga li ġiet interċettata mill-pulizija u kemm il-pakkett li ma kienx ġie hekk interċettat.*

*"Dwar il-proprjetà jirrizulta illi fil-kaz tal-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) formanti parti mill-blokka ta' appartamenti bl-isem ta' 'Caccu Flats' fi Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar, l-utile dominju temporanju ġie akkwistat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba fl-1 ta' Lulju 1992. In kwantu li ma tressqet l-ebda prova li dak iż-żmien ir-rikorrent kien involut fit-traffikar tad-droga, isegwi għalhekk illi ma hemm l-ebda raġuni li l-Qorti għandha tiddubita li din il-proprjeta ma ġietx akkwistata minn xi qligħ jew profitt li seta' għamel ir-rikorrent mir-reati li tagħhom instab ħati.*

*"L-istess jingħad għas-segwenti vetturi - Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni JAE 651, Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni BBJ 172, Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 036, Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 037 u Ligiers JS 1010 bin-numru ta' reġistrazzjoni KAA 217. Minkejja li ma tressqet l-ebda prova li dawn ma jappartjenux u/jew ma jinstabux fil-pussess tar-rikorrenti kif jgħidu fir-rikors ġuramentat tagħhom, mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, din il-Qorti hija sodisfatta li dawn ġew irreġistrati f'isem ir-rikorrent snin qabel ma seħħew ir-reati li tagħhom instab ħati.*

*"Dwar il-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni TFI 051, jirriżulta li din ġiet akkwistata fis-sena 2005. Shawn Bezzina, iben ir-rikorrenti, jgħid illi din il-vettura nxtrat minnu u ġiet irreġistrata f'isem ir-rikorrent biss minħabba rati aktar favorevoli ta' assigurazzjoni. Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li din il-vettura ġiet iffinanzjata in parte permezz ta' self mill-bank u in parte mill-flus personali tal-imsemmi Shawn Bezzina li fil-maġġor parti kienu l-flus li rċieva meta biegħ il-vettura preċedenti tiegħu.*

*"Fir-rigward tad-dar matrimonjali tar-rikorrenti u ċioè l-fond 152, Triq Blat il-Qamar, Siġġiewi, jirriżulta mhux ikkontestat li l-utile dominju perpetwu tal-art li fuqha nbniet din id-dar ġie akkwistat mill-poter tal-Awtorità tad-Djar permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Novembru 1996 fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba. Mill-provi prodotti jirriżulta wkoll illi d-dar inbniet għall-ħabta tas-sena 1998 iżda r-rikorrenti jgħidu li kienet kompluta ftit tas-snin wara. Minkejja li huwa veru li jidher li din il-proprjetà ġiet kompluta wara li seħħew ir-reati li tagħhom eventwalment instab ħati r-rikorrent, il-Qorti hija sodisfatta li fl-istess żmien, u ċioè bejn is-snin 2002 u 2004, ir-rikorrent rċieva somma flus li kienet tammonta għal madwar €60,000 bħala kumpens għal ġrieħi li kien sofra f'inċident fuq il-post tax-xogħol fil-Kanada snin qabel ma nqabad jittraffika d-droga u għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li x-xogħol fuq din il-proprjetà tlesta permezz ta' din is-somma li rċieva r-rikorrent.*

*"B'żieda ma dan kollu tressqet prova sodisfaċjenti li r-rikorrent kien jaħdem regolarment fis-snin qabel ma seħħew ir-reati li tagħhom instab ħati filwaqt illi martu r-rikorrenti wkoll għamlet xi snin taħdem.*

*"Il-Qorti jirriżultalha għalhekk illi l-proprjeta msemmija ma ġietx akkwistata mir-rikorrenti permezz ta' profitt jew dħul mill-egħmil tar-reati li tagħhom r-rikorrent instab ħati u lanqas ma hija proprjetà akkwistata jew miksuba permezz ta' xi profitti jew dħul mill-egħmil tar-reati li tagħhom nstab ħati.*

*"Għal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qiegħda tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li l-utile dominju perpetwu tal-fond 152, Triq Blat l-Aħmar, f'Wied Ħesri, Siġġiewi, l-utile dominju temporanju tal-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) formanti parti mill-blokka bl-isem ta' 'Caccu Flats', Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar u l-vetturi Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni TFI 051, Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni BBJ 172, Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni JAE 651, Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 036, Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 037 u Ligiers JS 1010 bin-numru ta' reġistrazzjoni KAA 217 m'humiex profitt jew dħul mill-egħmil tar-reati li tagħhom ir-rikorrent instab ħati u lanqas ma huma proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bhal dawk u għaldaqstant, tħassar l-ordni ta' konfiska in kwantu din tolqot il-proprjetà mobbli u immobbli msemmija.*

*Spejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet."*;

4. Il-Kummissarju tal-Pulizija[1] (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq minnu fis-6 ta' Marzu, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet li l-vettura tal-għamla *Toyota Corolla* bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI1051 mhijiex qligħ jew dħul mill-għemil tar-reati li tagħhom l-attur instab ħati u lanqas hija ġid miksub minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul simili u ħassret l-ordni ta' konfiska u tikkonfermaha fil-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

[1] Fir-Rikors tal-Appell oriġinali ngħad li l-appell kien tressaq mill-Avukat Ġenerali, imma b'degriet ta' din il-Qorti tal-25.5.2021 l-att issewwa biex jidher li r-Rikors tal-Appell kien tressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija

5. Illi permezz ta’ Tweġiba tat-28 ta’ Marzu, 2017, l-atturi (minn issa ‘l quddiem imsejjħa “appellati”) laqgħu għall-appell billi qalu li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Semgħat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-25 ta’ Mejju, 2021, li biha qalu li l-appel seta’ jitħalla għas-sentenza fuq l-atti mressqa billi ma kellhomx sottomissjonijiet oħrajn x’iżidu;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

9. Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi[2] (minn issa ’l hemm imsejħa “l-Ordinanza” jew “il-Liġi”), li taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22Ċ(1) tagħha jista’ jintalab li ġid ta’ persuna misjuba ħatja ta’ reat kontra l-Ordinanza, ma jibqax iżjed hekk milqut bil-konfiska magħmula, jekk din turi li dak il-ġid ma jkunx profitt jew dħul minn għemil ta’ reat jew ma jkunx miksub, direttament jew

[2] Ord. XXXI tal-1939 kif emendata (Kap 101)

indirettament, permezz ta' xi qligħ jew dħul bħal dak. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi għar-rigward ta' żewġ fondi mmobbli u xi vetturi li l-appellati semmew espressament fir-rikors li bih fetħu l-każwa;

10. Illi l-appell tal-lum huwa limitat għal fejn l-ewwel Qorti ħelset mill-effetti tal-ordni ta' konfiska (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Ordni") l-vettura tal-għamla *Toyota Corolla* bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI 051 għaliex sabet li dik il-vettura mhijiex qligħ jew dħul mill-għemil tar-reati li tagħhom l-attur instab ħati u lanqas ma hija ġid miksub minn jew permezz ta' xi qligħ jew dħul simili. L-appellant itenni li l-ewwel Qorti waslet għal konklużjoni ħażina meta warrbet provi li juru mod ieħor. Jgħid li din il-Qorti għandha tissindika l-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti għall-apprezzament tal-provi mressqa u tqis il-provi li dik il-Qorti warrbet. Fost l-oħrajn, l-appellant isemmi erba' ċirkostanzi probatorji li jinsabu fl-atti tal-kawża li għandhom iwasslu biex din il-Qorti tilqa' l-aggravju waħdieni tiegħu mis-sentenza appellata;

11. Illi, min-naħa tagħhom, l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li l-ewwel Qorti mxiet sewwa u qieset il-fatti li kellha quddiemha. Itennu li l-appellat ressaq il-prova li l-vettura nxtrat minn ibnu, Shawn Bezzina, u li l-vettura qiegħda fuq ismu biss għal skop ta' assikurazzjoni. Huma wkoll isemmu provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti biex juru

kemm dik il-Qorti kellha raġun issib favur it-talba attriċi dwar dik il-vettura wkoll;

12. Illi jibda biex jingħad li l-proċedura speċjali maħsuba fl-Artikolu taħt eżami hija waħda li tagħmel eċċezzjoni, fis-sens li tgħodd meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza minn Qorti kompetenti, u għalhekk, ladarba tmur kontra x-xejra tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-istess liġi dwar il-konfiska tal-ġid ta' persuna li tikser l-Ordinanza, għandha tingħata tifsira f'termini stretti u mhux usa' minn dak li ried il-leġislatur[3];

13. Illi, kif sewwa rilevat mill-ewwel Qorti, ta' min jgħid ukoll li tali proċedura tapplika għal ordni magħmula taħt l-Artikolu 22(3A)(d) biss. Din id-dispożizzjoni tal-liġi titkellem dwar konfiska ta' flejjes u ġid, mobbli u kif ukoll immobbli, tal-persuna misjuba ħatja, kemm jekk jinsabu f'Malta kemm jekk barra minn Malta, ukoll jekk sal-waqt tas-sejbien tal-ħtija, tali ġid immobbli jkun għadda f'idejn terza persuna;

14. Illi din il-proċedura, hija miftuħa kemm għall-persuna misjuba ħatja u kif ukoll għal kull terza persuna li f'idejha l-ġid ikun għadda, u trid tinbeda

---

[3] App. Ċiv. **7.8.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Nazarene Muscat v. Kummissarju tal-Pulizija*** §§ 14 – 5

mhux iżjed tard minn tliet xhur minn meta s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska ssir ġudikat[4];

15. Illi għalkemm il-liġi tgħid li l-konfiska sseħħ favur il-Gvern ta' Malta[5], u skond ma joħroġ mill-Artikolu 22(7) tal-Ordinanza, l-Ordni tal-konfiska għandha s-saħħa ta' sentenza, il-liġi tgħid li l-leġittimu kontradittur fi proċedura bħal din huwa l-Kummissarju tal-Pulizija[6];

16. Illi jaqa' fuq il-persuna li titlob it-tneħħija tal-Ordni tal-konfiska li tressaq il-provi tagħha fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbutin minn profitt jew dħul min għemil ta' reat. Ladarba l-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[7], huwa naturali għalhekk li wieħed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali;

17. Illi, madankollu, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll il-qafas legali li fih isir is-sekwestru tal-ġid ta' persuna mixlija jew misjuba ħatja ta'

---

[4] Art. 22Ċ(2) tal-Kap 101
[5] Art. 22(3) tal-Kap 101
[6] Art. 22Ċ(5) tal-Kap 101
[7] Art. 22Ċ(7) tal-Kap 101

reat taħt l-Ordinanza. Dan jingħad minħabba li l-liġi speċjali nnifisha li taħtha jsir sekwestru bħal dak jidher li toħloq il-preżunzjoni li l-ġid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attivita` kriminali tal-persuna li tkun. Dan jgħodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet ħatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. Fid-dawl ta' dan il-kuntest, il-Qorti hija tal-fehma li l-piż tal-prova li dak il-ġid inkiseb b'mezzi leġittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn sempliċi dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu għejjun jew riżorsi oħra ta' għajxien;

18. Illi l-appellant jikkontesta l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti, u jisħaq li kien hemm provi biżżejjed li kellhom iwassluha biex issib li l-vettura ma messhiex inħelset mill-effetti tal-Ordni u li l-każ tal-appellati dwar dik il-vettura kien jagħti 'l wieħed x'jaħseb li ma kienx ġenwin. F'dan ir-rigward, ingħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[8]. Minkejja dan, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba*

[8] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma***

*l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[9];

19. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-appellant. Kif ingħad diġa`, l-appellant ressaq erba' argumenti biex isejjes l-aggravju tiegħu: l-ewwel jirrigwarda l-finanzjament tax-xiri u l-kisba tal-vettura; it-tieni hu dwar min tabilħaqq xtara l-vettura; it-tielet jirrigwarda d-dħul li iben l-appellati jgħid li kellu meta nxtrat il-vettura; u r-raba' jirrigwarda meta u kif seħħ il-bejgħ minn iben l-appellati tal-vettura li qabel kellu f'ismu. Il-Qorti tħoss li huwa xieraq li tosserva li, meta l-appellant ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-ewwel Qorti qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza, kien ressaq osservazzjonijiet biss dwar fond immobbli wieħed u dwar vettura waħda li ma kinitx dik mertu ta' dan l-aggravju. B'mod partikolari, dwar il-vetturi l-oħra – magħduda għalhekk dik li dwarha ressaq l-aggravju tiegħu tal-

---

[9] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

lum – huwa qal biss li "jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti"[10];

20. Illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha fis-sentenza appellata dwar il-vettura mertu tal-appell, l-ewwel Qorti qalet li kienet soddisfatta mill-provi prodotti li dik il-vettura ġiet finanzjata f'parti permezz ta' self minn bank u f'parti minn flus personali li iben l-appellati kien, fil-biċċa l-kbira, daħħal mill-bejgħ ftit taż-żmien qabel ta' karozza oħra li kellu f'ismu;

21. Illi l-appellant jiġbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti għall-fatt li s-self li iben l-appellati jgħid li kiseb f'Awwissu tal-2004 ma kienx maħsub għal xiri ta' karozza, u li l-verżjoni mogħtija mix-xhud ma tistax titwemmen. Jgħid ukoll li ma tressqux provi li jmieru l-kitba dwar il-ftehim tax-xiri tal-karozza minn u fuq isem l-appellat. Jisħaq li d-dikjarazzjoni ffirmata bejn iben l-appellati u x-xerrej tal-vettura *Toyota Starlet* ngħatat data "konvenjenti" biex tqarribha lejn id-data meta nxtrat il-vettura mertu ta' dan l-appell;

22. Illi, minn eżami tal-atti, joħroġ li s-self mitlub minn iben l-appellati u maħruġ minn bank f'Awwissu tal-2004, kien maħsub li jinħareġ bil-għan dikjarat li kellu jkun "*to make some domestic improvements*"[11] u ma jissemmiex finanzjament ta' vetturi. Madankollu, dakinhar li nħarġet l-

[10] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 255 tal-proċess
[11] Ara *Sanction Letter* f'paġ. 97 tal-proċess

awtoriżżazzjoni tal-għoti tal-faċilita` msemmija, inġibdet is-somma kollha mislufa (Lm3,500) li aktar minn nofsha ntużat dakinhar stess biex iben l-appellati qata' s-self li huwa kellu fuq il-vettura *Toyota Starlet* li kien għadu qiegħed iħallasha bin-nifs[12]. Il-prezz li iben l-appellati jidher li daħħal mill-bejgħ tagħha kien daqsinsew l-ammont tas-self li ngħata mill-bank xahrejn qabel. Ir-raġuni mogħtija minn iben l-appellati għaliex il-vettura mertu tal-appell inxtrat fuq isem missieru – jiġifieri "biex niffranka mill-insurance"[13] – ma tfissret bl-ebda mod u ma toqgħodx mal-fatt li l-vettura tal-għamla *Toyota Starlet* li huwa kien biegħ fl-2004 kienet reġistrata fuq ismu u assikurata minnu. Il-Qorti tqis ukoll li l-appellati ma jsemmu xejn fix-xhieda tagħhom dwar il-vettura mertu tal-appell (imqar biex jikkorroboraw il-verżjoni ta' binhom), lanqas biex ifissru għaliex f'Jannar tal-2005, kienu huma li resqu fuq il-ftehim għax-xiri tagħha bin-nifs u mhux binhom jekk dan kien tabilħaqq ħareġ il-flus għax-xiri tagħha;

23. Illi, b'żieda ma' dan, lill-Qorti jirriżultalha li filwaqt li tressqet prova tax-xiri u finanzjar minn iben l-appellat, Shawn, ta' vettura tal-għamla *Toyota Starlet* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG 743[14], ma jirriżultax li l-vettura mertu tal-aggravju tal-għamla *Toyota Corolla* bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI 051, tabilħaqq inxtrat minn iben l-istess appellati, kif isostnu huma. Kemm hu hekk, meta fis-sottomissjonijiet tal-għeluq l-

---

[12] Ara Dok "L", f'paġ. 94 *tergo* sa 98 tal-proċess
[13] Xhieda tiegħu f'paġ. 237 tal-proċess
[14] Ara Dok. "L" f'paġ. 82 sa 96 tal-proċess

appellat jgħid li ibnu Shawn ħareġ żewġ ċekkijiet li bihom ħallas il-vettura – wieħed f'ismu u l-ieħor f'isem il-kumpanija Michael Debono Limited li, magħduda flimkien, jammontaw għal ħamest elef lira Maltin (Lm5,000)[15] – prova ta' dan ma tirriżultax mill-atti, dan minkejja li jgħid li tressqet din il-prova sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Qari bir-reqqa tal-provi dokumentali kollha li l-ewwel Qorti kellha quddiemha qabel ma tat is-sentenza appellata ma jwassal għall-ebda prova bħal din jew ħjiel tagħha. Għalhekk, is-sottomissjoni tal-appellati f'dan ir-rigward ma tistax titqies bħala prova. L-appellati jtennu l-istess ħaġa fit-Tweġiba tal-appell, iżda minkejja li hemmhekk jgħidu li xi dokumenti "qegħdin jiġu annessi bħala dokumenti in sostenn tal-*bank statements* li diġà ġew preżentati u mhux bħala prova ulterjuri, iżda biex juri l-veraċità tal-fatt li l-vettura ġiet imħallsa minn Shawn Bezzina"[16], joħroġ ċar li l-appellati naqsu li jressqu tassew xi dokument f'dan is-sens ukoll quddiem din il-Qorti[17];

24. Illi għalhekk, mill-provi mressqa mill-appellati nfushom quddiem l-ewwel Qorti, joħroġ li f'Jannar tal-2005 saret kitba ta' ftehim ta' bejgħ bin-nifs tal-imsemmija vettura milħuq bejn Michael Debono Limited u l-appellat[18], fejn jingħad li l-appellat ħallas b'depożitu l-ammont ta' sitt elef, mija u ħamsin lira Maltin (Lm6,150), u d-differenza kellha titħallas b'rati kull xahar. Ma tressqet ebda prova li dan l-ammont tħallas mill-appellat

[15] Ara Tweġiba ta' Norman Bezzina et f'paġ. 282 tal-proċess
[16] Paġ. 228 tal-proċess
[17] *Ibid.* Ara wkoll it-timbru tar-Reġistru tal-Qorti Ċivili f'paġ. 283 minn fejn jirriżulta li t-Tweġiba ġiet ippreżentata mingħajr dokumenti
[18] Ara paġ. 99 tal-proċess

f'isem ibnu, lanqas li ibnu kompla jħallas il-bilanċ. Bis-saħħa ta' dan il-ftehim u tal-fatt li l-vettura hija reġistrata fuq isem l-appellat[19], il-Qorti tasal għall-fehma li l-vettura nxtrat u tħallset mill-appellat u tagħmel parti minn ġidu u li l-kisba tal-imsemmija vettura saret fi żmien li l-għajn tal-flus biex biha nxtrat ma ntweriex – kif kien mistenni mill-appellat li jagħmel – li kienet lil hinn minn għemil marbut mar-reati li dwarhom instab ħati;

25. Illi għaldaqstant il-prova li kienet mistennija li titressaq mill-appellat taħt din is-sura ta' azzjoni fir-rigward tal-vettura *Toyota Corolla* bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI 051 ma tressqitx. Minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq u sejjer jintlaqa';

***Deċide:***

26. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tilqa' l-appell** tal-appellant Kummissarju tal-Pulizja u tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Frar, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi **tħassarha** fejn sabet li l-vettura tal-għamla *Toyota Corolla* bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI 051 ġiet imħallsa minn iben l-appellati f'parti b'self minn bank u f'parti oħra minn fondi oħrajn li

[19] Ara x-xhieda tar-rappreżentat tal-Awtorita` tat-Trasport f'Malta f'paġ. 159 tal-proċess

kellu l-istess iben l-appellat, Shawn Bezzina, u minflok issib li ma nġabitx raġuni tajba biex l-effetti tal-Ordni ta' konfiska dwar l-imsemmija vettura favur il-Gvern jitneħħew u jitħassru; u **tikkonferma** dik is-sentenza fil-bqija; u

**Tordna** li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da